# Mro. Joseph Abela Scolaro

*Kitba ta' Grezio A. Grech*

**Din is-sena jaħbat għeluq l-20 anniversarju mill-mewt tas-Surmast magħruf Joseph Abela Scolaro. Għalhekk għal din l-okkażjoni hu xieraq li nagħti tagħrif bijografiku dwar dan is-Surmast Ħamruniż li kien Surmast Direttur tal-Banda San Gejtanu.**

Is-Surmast Joseph Abela Scolaro twieled il-Ħamrun nhar id-9 ta' Frar 1910. Ommu kien jisimha Margerita imwielda Camilleri u missieru kien is-surmast tal-mużika, Carmelo Abela Scolaro. Joseph beda jitħarreġ fl-arti mużikali ta' eta' żgħira taħt idejn missieru. Wara kompla l-istudji tiegħu taħt diversi surmastrijiet magħrufa. Infatti hu studja l-pjanoforte taħt Mro. Luigi Vella u Mro. Anġlu Abdilla waqt li taħt Mro. Karlu Diacono u Mro. Carmelo Pace, tħarreġ fl-armonija, kontrapunt u strumentazzjoni. Mro. Joseph Abela Scolaro kiseb ukoll id-Diplomi A.(Mus).L.C.M. fl-1937, L.(Mus).L.C.M. fl-1945 u l-F.L.C.M fl-1950 mil-London College of Music.

Fl-1934 huwa nħatar Surmast Direttur tal-banda ta' l-istitut ta' San Ġużepp, waqt li mill-1943 sa l-1972 kien Surmast Direttur tal-Banda San Gejtanu tal-Ħamrun. Mill-1951 sal-1960 kien Surmast Direttur tal-Banda Maria Mater Gratiae ta' Ħaż Żabbar, waqt li mill-1957 sal-1958 kien ukoll Surmast Direttur tal-Banda Leone tal-belt Victoria f'Għawdex.

Huwa kien ukoll Surmast Direttur tal-Banda Unjoni ta' Ħal Luqa mill-1945 sa l-1979, jiġifieri sa ma miet u Direttur Mużikali tal-Malta Operatic Society u biha, fl-1959, kien ħa sehem f'Eisteddfod f'Llangollen f'North Wales. Mro. Abela Scolaro kien inħatar ukoll bħala organiżżatur mużikali fl-iskejjel tal-Gvern. Huwa għamel ukoll żmien Maestro di Coro ta' diversi opri li ttellgħu f'Malta.

Mro. Abela Scolaro kien ukoll pjanista. Huwa kkompona għadd ta' mużika sagra, profana u klassika kemm għall-pjanu, banda u orkestra. Għamel ukoll għadd ta' arranġamenti u riduzzjonijiet mużikali. Il-mużika sagra komposta minnu tinkludi għadd ta' Quddies, Offertorji, Introjti, Gradwali, Responsorji,

Sekwenzi, Vespri, Antifoni, Improprji u Innijiet. Il-parti l-kbira ta' dawn il-kompożizzjonijiet mużikali huma miktuba għall-pjanu, vuċijiet u strumenti.

Fl-1942, Mro. Joseph Abela Scolaro ikkompona l-Messa Pastorale waqt li fl-1935 kiteb l-introjtu lil San Ġużepp bl-isem ta' Adjuster et Protector. Fl-1944 kiteb l-offertorju Erant Joseph et Maria waqt li fl-1946 kiteb is-sekwenza Laudate Sion. Fost id-diversi responsorji tiegħu insibu li fis-snin erbgħin kiteb għadd ġmielu fosthom Credo, Quad Redemptor, Qui Lazzarum, u Domine Quando Veneris. Minn fost l-għadd ta' responsorji tas-snin ħamsin, insemmu Sancta et Immaculata (1951).

Mro. Abela Scolaro ikkompona numru sostanzjali ta' vespri u mużika sagra oħra. Fl-1952 ikkompona l-vespri Beatus Vir waqt li fl-1949 kiteb Lauda Jerusalem. Fl-1944 ikkompona Miserere waqt li fl-1952 kiteb Nisi Dominus. F'dan ta' l-aħħar huma ukoll obbligati tenur u baritonu. Ikkompona għadd ta' antifoni u innijiet fosthom insibu Jesu Redemptor Omnium (1944), Dal-Misteru, Innu tal-Malta Games (1967), Innu Lil Ġesu' Kristu Salvatur (1950), Joseph Fili David (1975), Beata Mater, Ave Maria (1962), Lil Papa Ġwanni, Lil Dun Mikiel Xerri, Widien, Vexilla Regis (1946), O Salutaris Hostia (1943), Sacerdotes et Pontifex, Magnificat (1953) u oħrajn. Tajjeb insemmi li l-Innu Lil Papa Ġwanni għandu l-versi ta' Patri Dijonizju Mintoff, waqt li l-Innu Lil Dun Mikiel Xerri għandu versi tal-poeta nazzjonali Dun Karm Psaila. L-Innu Widien għandu l-versi ta' A.V. Vassallo.

Il-lista vasta u varjata ta' kompożizzjonijiet oħra jinkludu ukoll Invito all'Amore, My Heart Remembers, Immorru l-Imnarja (1963), Żgħażagħ fix-Xtajta (1971), Valli Sempre Valli, Wasal il-Feddej, Kwiekeb Madwarek Marija,



**Dan ir-ritratt meħud minn Dun Frans Camilleri fil-każin San Gejtanu, juri lil Mro. Abela Scolaro flimkien ma' l-alliev tiegħu Charles Camilleri, illum kompożitur ta' fama fid-dinja mużikali**

Doqqu Qniepen Doqqu, In Monte Oliveti, O Vos Omnes, Viae Sion Lugent (1947), Madre Pietosa u l-Ballata bl-isem ta' Għanja u oħrajn. Il-Ballata Għanja għandha versi ta' Rużar Briffa waqt li Wasal il-Feddej, Kwiekeb Madwarek Marija u Doqqu Qniepen Doqqu għandhom il-kliem ta' Dun Frans Camilleri.

Huwa kkompona wkoll diversi Kantati. Fost dawn insibu l-Innu Kantata LIL SAN GEJTANU li għandu versi ta' Dun Frans Camilleri. Dan kien ġie mżanżan fl-1947 meta ġie mfakkar l-400 sena mill-mewt ta' San Gejtanu.

Innijiet Kantati oħra huma Lil Sant' Andrea b'versi ta' Mons. Ġużeppi Schembri D.D. LL.D., Lil Madonna tal-Grazzja li għandu versi ta' Patri Mattew Sultana OFM u Lil Madonna taċ-Ċintura. Ta' min isemmi ukoll l-Innu Kantata San Pawl li kkompona fl-okkażjoni tal-festi ċentinarji Pawlin li saru fl-1960. B'dan l-Innu kien kiseb l-ewwel premju f'konkors. Il-versi kienu ta' Dun Frans Camilleri.

Mro. Joseph Abela Scolaro ikkompona wkoll valzi, mużika tango u musica da camera. Fost dawn insibu String Quartet in C Min, Andante and Allegro għal klarinett solo, Prelude and Scherzo (tarantella) għal vjolin solo. Għandu wkoll Tone Poem u Sonata in D Maj. Ħallielna ukoll għadd ta' kompożizzjonijiet ta' mużika Jazz. Fost dawn insibu Eramento Sul Mar (1934) għall-pjanu u strumenti oħra, Romanza (1946) għall-pjanu, waqt li fl-1964 insibu li kkompona mużika Jazz oħra bħal Monnlight Serenade. Din il-mużika tinkludi mhux biss vuċijiet u strumenti iżda wkoll is-sehem ta' Baritoni u Mezzo Soprani.

Fost mużika klassika li kkompona insibu l-Overtures Slovania (1944) u Alcestis, il-kompożizzjoni Racconto Sinfonico (1949), it-Tone Poem Reverie (1968), il-marċi sinfoniċi Narcissus u Diana kif ukoll l-operetti Cure of Colds u Midas. Għandu ukoll is-sinfonija Andentino Pastorale.

Mro. Joseph Abela Scolaro huwa magħruf ukoll għall-għadd kbir ta' Inni Marċi li kkompona, fosthom l-INNU MARĊ TAL-BANDA SAN GEJTANU li kiteb fl-1952, marċi brijużi fosthom l-Appassionata (1947) u marċi funebri fosthom Dulcedo Lacrymosa.

Huwa kien iżżewweġ lil Margaret Cilia fis-sena 1946. Miet fis-27 ta' April 1979.

Din kienet ħarsa ħafifa lejn l-għadd ta' xogħlijiet tiegħu li tixhed il-kapaċita' u l-ħila ta' dan il-Mużiċist u Kompożitur Ħamruniż

**Nota Editorjali:** L-awtur ta' din il-kitba huwa l-kittieb tal-ktieb *14-il Profil ta' Mużiċisti Għawdxin, Maltin u Barranin.* Aktar informazzjoni tinkiseb minn 'Gawferħ', Triq tas-Salib, Xewkija, Għawdex.